QORTI KRIMINALI

IMHALLEF DR. CONSUELO SCERRI HERRERA LL.D., Dip Matr., (Can)

Att ta' Akkuza: 8/2019

Ir-Repubblika ta' Malta

vs

Tony Curmi

Illum, 19 ta' Novembru, 2019

Il-Qorti,

Rat illi permezz tar-rikors tal-Avukat Generali datat id-disgha (9) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-Avukat Generali issoleva l-inammissibilta' tal-Kummissarju tal-Pulizija bhala xhud stante li l-oggett tal-prova rikjest minnu mhuwiex wiehed legalment sostenibbli stante li jitratta dwar fedina penali ta' terza persuna li hija sempliciment xhud fil-kaz odjern, liema dokument skont l-Avukat Generali huwa wiehed personali u bl-ebda mod ma ghandux jigi a konjizzi tal-gurati;

Rat illi l-akkuzat wiegeb li l-oggezzjoni tal-Prosekutur ma ghandhiex sosten legali, li l-akkuzat jista' fil-kors tal-guri itappan il-karattru ta' xhud pajzan, li '*Jekk isir hemm certu konsegwenzi ghall-akkuzat*' izda li l-prosekutur ma' jistax *a priori* joggezjoni ghall-Kummissarju tal-Pulizija bhala xhud meta huwa indispensabbli li l-gurija tkun taf anke ghal finijiet ta' kredibilita minn hija l-persuna ta' Wayne Grima f'dan il-kaz;

Illi fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) il-kazwa giet differita ghas-seduta tal-lum ghal digriet dwar l-ammissibiita' o meno tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Illi mill-lista tax-xhieda tal-akkuzat jrrizulta li l-Kummissarju tal-Pulizija huwa mnizzel bhala xhud sabiex jesebixxi l-fedina penali ta' Wayne Grima u cioe' ta' wiehed mix-xhieda imsemmi fl-Att ta' Akkuza kontra l-imputat. Minn naha l-ohra, l-Avukat Generali jsostni li l-Kummissarju tal-Pulizija mhuwiex xhud ammissibli stante li l-ogggett tal-prova u cioe' li jipprezenta fedina penali ta' Wayne Grima mhuwiex legalment sostennibli;

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Ir-Repubblika ta' Malta vs Edwin Cioffi'</u>**[1], il-Qorti kienet ikkunsidrat li '*Jigifieri qed jigi ribadit li fl-istadju preliminari, dak li l-Qorti Kriminali ghandha tiddeciedi fit-termini tal-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali hija l-ammissibilita' ta' prova bhala kontrapposta ghar-rilevanza ta' l-istess prova, b'dan li indipendentement mill-fatt li sussegwentement l-istess prova tista' tigi regolata jew addirittura eskluza bhala irrilevanti fl-istadju tas-smiegh tal-provi, l-istess mghandiex tigi preventivament u prijoristikament eskluza jekk tista' tirrizulta rilevanti ghal "facts in issue". Dana, din il-Qorti hasset il-bzonn li tirribadih peress, li kif inghad, spiss qed jigri li flok ma il-kuncett ta' ammissibilita' u ta' rilevanza jinzammu distinti dak tar-rilevanza qed jigi ekwiparat ghal dak ta' ammissibilita' u provi qed jigu eskluzi bhala irrilevanti qabel ma biss jkunu instemghu u qabel ma l-istess Qorti ta meritu tkun verament fil-posizzjoni li tivvaluta sewwa x'ikunu il-"facts in issue".*' Il-Qorti kkunsidrat ukoll li '*Bil-mod kif iddecidiet, l-ewwel Onorabbli Qorti prijoristikament qatghatha illi kemm il-prova dwar il-karattru tal-akkuzat kif ukoll dik dwar il-kondotta u karattru tal-vittma huma intrinsicament inammissibbli billi jistghu jkunu rilevanti biss ghal fini tal-piena. Dan ir-ragjonament huwa inaccettabbli...*' Ikkunsidrat li '*Kwantu ghall-ammissibilita' bhala prova tal-fedina penali tal-vittma li l-Avukat Generali tant ikkontesta, jigi rilevat li f'kazijiet simili tali prova dejjem giet dikjarata bhala ammissibbli*'. F'dik il-kawza fost oggezzjonijiet ohra, il-fedina penali li l-Avukat Generali kien qieghed joggezzjoni li tigi prezentata kienet tal-vittma l-mejta. Biss pero' din il-Qorti tqis il-

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Novembru, 1990 (Att ta' Akkuza numru: 1/89)

kunsiderazzjonijiet maghmulha minn dik il-Qorti bhala applikabbli ghal kaz in ezami u dan tenut kont tal-fatt li l-Qorti ma tistax diga f'dan l-istadju *a priori* tordna li fedina penali ta' xhud ma tigix prezentata stante li ma hemm xejn li huwa inammissibli fil-prezentata taghha, ir-relevanza hija umbaghad haga ohra li tkun ghal Qorti li tizen kemm hi rilevanti u tiggwida l-gurati dwar ir-relevanza o meno taghha;

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Ir-Repubblika ta' Malta v. Frangisk Fenech'</u>**[2] gie kkunsidrat li:

**'7.** *Issa, ma jistax ikun hemm dubju li f'kaz fejn si tratta specjalment ta' akkuzi li jirrigwardaw offizi fuq il-persuna, il-fedina penali tal-vittma mhux biss hi dokument ammissibbli, izda tista' tkun relevanti ghall-finijiet tar- reputazzjoni generali li dik il-persuna seta' kellha – ara passim is-sentenzi ta' din il-Qorti, diversament komposta, fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Louis sive Lewis Bartolo*** *2/11/1981, u* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Martina Galea*** *9/11/1982. Tista' tkun relevanti ghall-finijiet ta' kontroll ta' dak li jghid ix-xhud John Pace. S'intendi dan qed jinghad interament bla pregudizzju ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 459A tal-Kap. 9, u specjalment il- paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tieghu. Ghalhekk ma jistax ikun hemm dubju li l-fedina penali ta' John Pace ghandha tigi ammessa bhala prova; u biex ma jkunx hemm sorprizi ghal hadd, ghandha anke tintlaqa' it-talba ghalbiex il-Kummissarju tal-Pulizija jigi ordnat jipprovdi kopja ta' din il-fedina penali lid-difensuri tal-appellant qabel il-guri.'*

Ghalkemm is-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spettur Jesmond J. Borg) vs Conrad Axisa</u>**'[3] inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, din il-Qorti xorta tqisha relevanti fil-parti fejn ikkunsidrat li:

*'Imbaghad, il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll il-fedina penali tal- istess Duncan Buttigieg, kif aggornata sa Novembru 2016, liema fedina penali hija wahda tassew refrattarja u mizghuda b'diversi kundanni dwar frodi b'eghmil qarrieqi, falsifikazzjoni ta' dokumenti u/jew uzu ta'*

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Novembru, 2008 (Att ta' Akkuza numru: 2/2007)

[3] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-28 ta' Novembru, 2018 (Kawza numru 271/11)

*dokumenti ffalsifikati, apparti reati ohrajn, inkluz il-misapproprijazzjoni u serq.*

*Ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, fuq citat, il-kondotta u l-karattru tax-xhud, certament riflessi fil-fedina penali kopjuza tieghu, jimpingu direttament fuq il-kredibilita` tal-istess xhud.'*

Illi din il-Qorti ma tqis li l-prezentata ta' fedina penali ta' xhud bhala legalment insostenibbli u ghalhekk lanqas ma tqis lil Kummissarju tal-Pulizija bhala xhud inammissibli ghal dan il-ghan.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tichad it-talba tal-Avukat Generali fejn issoleva l-inammissibilta' tal-Kummissarju tal-Pulizija bhala xhud u sejra fi stadju ulterjuri tawtorizza lil Kummissarju tal-Pulizija jipprezenta il-fedina penali ta' Wayne Grima sabiex din tkun disponibbli ghal gurati. Il-Qorti tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-guri.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur